

# Isqfijiet li rabtu isimhom mal-Parroċċa ta' Ħal Balzan

Kitba ta' Adrian Melborne

Matul il-ħajja tal-Parroċċa tagħna, insibu diversi ismijiet ta' Isqfijiet li min b'mod u min b'ieħor, rabtu isimhom fl-istorja tar-raħal għażiż tagħna.



Dan imur lura fl-1655, eżattament, fl-14 t'Awissu, meta niltaqgħu ma' l-Isqof Spanjol, Mons Mikiel Ġwanni Balaguer, li b'digriet minn tiegħu issepara l-Parroċċa tagħna mill-Matriċi ta' Birkirkara. Dan l-Isqof ħatar bħala l-ewwel Kappillan lil Dun Adrianu Zarb.

Isqof ieħor li kellu konnessjoni mar-raħal tagħna kien l-Isqof Taljan Mons. Davide Cocco Palmieri. Dan l-Isqof bierek il-Knisja Parrokkjali preżenti, fit-23 ta' Jannar 1695.

Isqfijiet oħra li isimhom huwa miktub fl-istorja tal-Knisja f'Malta u li għandhom rabta ċkejkna mal-Parroċċa tagħna, huma dawn:

- Mons. Isqof Fra Bartolomeo Rull li ħatar lil Dun Mikiel Sant Kappillan f'Ħal Balzan fi Frar ta' l-1765.
- Mons Isqof Fra Paolo Alpheran De Bussan, li kien Isqof ta' Malta bejn is-snin 1728 u l-1757, ħatar lil Dun Alosio Dinè bħala Kappillan f'Ottubru 1750.
- Mons. Isqof Vincenzo Labini li ħatar tliet Kappillani differenti matul il-Veskovat tiegħu. Dawn kienu Dun Piet Decelis fi Frar ta' l-1781, lil Dun Francesco Decaro f'Lulju ta' l-1797 u lil Dun Piet Farrugia f'Settembru ta' l-1801.
- Isqof ieħor li rabat ismu mal-Parroċċa tagħna hu bla dubju ta' xejn l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Anton Grech Delicata J.U.D. Dan l-Isqof serva d-Djoċesi ta' Għawdex bejn is-snin 1868-1876. Dan l-Isqof kien ġab il-Korp Sant ta' San Valentino Martri miċ-Ċimiterju ta' Sant'Elena, "Ad Duas Lauras" f'Ruma, fl-1784. Kien fis-26 ta' Jannar 1820, li l-Isqof Grech Delicata rregalah lill-Knisja Parrokkjali. Dan l-Isqof jinsab midfun fil-Knisja Parrokkjali tagħna, b'lapida li tinsab imwaħħla mal-pilastru prinċipali tal-korsija. Sa ftit ta' snin ilu anke l-kappell veskovili tiegħu kien imdendel fil-korsija tal-Knisja.
- Mons. Isqof Don Mauro Caruana, O.S.B., G.C.O.J., K.B.E. Isqof Benedittin li mexxa l-Knisja bejn l-1915 u l-1943. Dan l-Isqof bierek is-sitt qniepen Franċiżi tad-ditta Paccard, fl-1925. Dawn il-qniepen huma *Giovanna d'Arco, Valentina, Giuseppina* u *Annunziata.*
- L-Isqof Mons. Pietru Pace li għex xi żmien fil-Parroċċa tagħna, proprju fil-qalba tar-raħal, f'"Casa Pace", fil-pjazza ta' Ħal Balzan.
- Mons. Arċisqof Metropolita Mikiel Gonzi, li fl-1949, bierek il-qanpiena l-kbira *Anna* li ġiet fonduta fl-istess fabbrika tad-ditta Franċiża

Paccard, bħall-kumplament tas-sett li ġie fl-1925.

L-Isqof Awżiljarju Senglean Mons. Emanuel Galea li kien bierek l-ewwel ġebla tas-sala parrokkjali Aurora li nbniet bit-tħabrik tal-mibki Mons. Carmelo Sciberras ex-kappillan tal-parroċċa.

Kien ta' ġieħ u unur għalina l-Balzanin, meta riċenti saċerdot Balzani ġie kkonsagrat Isqof Awżiljarju ta' Melbourne fl-Awstralja, Mons. Isqof Joseph Grech. Fr. Joe kif hu magħruf magħna l-Balzanin, huwa persuna simpatika, li b'dik id-daħka u ċajta dejjem lest li jaqdi lill-fidili afdati f'idejh, kemm fl-Awstralja, fejn qatta' l-ħidma saċerdotali tiegħu, u kif ukoll fir-raħal tagħna meta jkun bil-btajjel tiegħu.

F'isem il-poplu kollu Balzani nixtiequ kull suċċess fil-ħidma fejjieda lill-Mons. Joseph Grech fl-għalqa tal-Mulej.

**Riferenzi:**

Dun Ġwann Dimech, Gazzetta ta' Ħal Balzan
Arċ Ferris; Dichiarazione della Chiesa, di Malta & Gozo 1866.